MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 512/1989/1

**Joseph Borg f' ismu proprio u fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' Marks and Charles Limited, ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess**
**Vs**
**Joseph Pace fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' Terry Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess; u Norman Buckle u Victor Balzan fil-kwalita' taghhom ta' diretturi tas-socjeta' Paola Development Co.Ltd. ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur proprio et nomine ppremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur proprio et nomine kien azzjonist u direttur fis-socjeta' Paola Development Co. Ltd.;

Peress illi huwa baqa' azzjonist u direttur ta' l-istess socjeta' sas-27 ta' Settembru 1986 meta huwa ttrasferixxa l-istess azzjonijiet lil Chevron Limited;

Peress illi fit-8 ta' Dicembru 1981 kontra l-volonta' tas-socjeta' Paola Development Co. Ltd. u tieghu, minhabba theddid, vjolenza, b'qerq u b'kawza illecita gie mgieghel jittrasferixxi l-artijiet Ta' Zilfa w Ta' Beligna limiti tal-Fgura lis-socjeta' konvenuta Terry Limited b'kuntratt ta' enfitewsi perpetwa fl-atti tan-nutar Joseph Henry Saydon;

Peress illi b'skrittura datata 8 ta' Dicembru 1981 quddiem in-nutar Joseph Henry Saydon, gie dikjarat illi Paola Development Co. Ltd. irceviet is-somma ta' sebat elef u hames mitt lira (Lm7,500) bhala soma tar-redenzjoni tac-cens, liema somma fil-fatt qatt ma thallset;

Peress illi dan it-theddid, minaccji w vjolenza kienu kontinwi w baqghu jhallu l-effett taghhom sal-11 ta' Novembru 1988;

Peress illi dan it-theddid, minaccji w vjolenza ghat-trasferiment tal-imsemmija art Ta' Zilfa w Ta' Beligna limiti tal-Fgura kienu a konoxxenza tal-konvenut nomine, ghalkemm perpetrati materjalment minn Piju Camilleri;

Peress illi l-konvenut kien partecipi f'dan l-agir ma' Piju Camilleri;

Peress illi l-attur proprio et nomine b'kuntratt tas-27 ta' Settembru 1986 fl-atti tan-nutar Victor John Bisazza biegh u ttrasferixxa l-azzjonijiet f' Paola Development Co. Ltd. bil-prezz ta' LM1500 lil Chevron Limited;

Peress illi meta biegh dawn l-azzjonijiet bi prezz baxx billi l-prezz ma setghat jinkludi l-valur sostanzjali tal-propjetajiet trasferiti lil Terry Limited bil-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981 fuq imsemmi li kien sar b'vizzju tal-kunsens tieghu w tas-socjeta' Paola Development Co. Ltd. stante li ma baqghux fil-pussess taghha;

Peress illi huwa sofra danni ingenti minhabba l-azzjoni doluza w frawdolenti tal-konvenut Joseph Pace nomine;

Peress illi huwa interpella lill-konvenut Joseph Pace nomine biex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni minnu sofferti bl-azzjoni doluza w frawdolenti tieghu;

Peress illi l-konvenut Joseph Pace nomine gie inibit b'digriet tal-20 ta' April 1989 milli jittrasferixxi, jbiegh jew b'xi mod iehor jassenja l-propjetajiet Ta' Zilfa w Ta' Beligna liema art kienet giet akkwistata b'theddid, qerq, vjolenza w kawza illecita b'atti tan-nutar Joseph Henry Saydon tat-8 ta' Dicembru 1981;

Jghidu l-konvenuti nomine ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara w tiddeciedi illi l-kuntratt ta' trasferiment tat-8 ta' Dicembru 1981 fl-atti tan-nutar Joseph Henry Saydon u l-iskrittura privata tal-istess data redatta minn nutar Joseph Henry Saydon saru b'vizzju tal-kunsens ta' Paola Development Co. Ltd. u tal-attur meta kien direttur tal-istess socjeta' w l-ebda hlas ma qatt sar;

2. tiddikjara w tiddeciedi illi l-konvenut Joseph Pace nomine hu responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur proprio et nomine kif fuq inghad;

3. tillikwida d-danni sofferti mill-attur proprio et nomine;

4. tikkundanna lill-konvenut Joseph Pace nomine jhallas dawk id-danni hekk likwidati;

5. tordna lill-konvenut Joseph Pace nomine jibqa' inibit millijbiegh, jassenja jew b'xi mod jitrasferixxi l-imsemmija artijiet jew xi drittijiet fuq l-istess artijiet Ta' Zilfa w Ta' Beligna limiti tal-Fgura biex ma jnaqqasx il-garanziji tal-attur w dan sakemm ihallas dawk id-danni likwidati li jkun ikkundannat ihallas minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' April 1988, ittra ufficjali tas-26 ta' April 1988 u l-Mandat ta'

Inibizzjoni 6/89 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Norman Buckle u Victor Balzan, nomine, fejn eccepixxu:

Illi fil-konfront taghhom ma jissusisti l-ebda interess guridiku u ghalhekk huma jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Pace nomine li biha eccepixxa:

Illi l-attur m’ghandu ebda interess guridiku f’din l-istanza peress, kif jirrizulta mill-att tac-citazzjoni il-kuntratt tat-8 ta’ Dicembru 1981 u l-iskritturatal-istess data, li allegatament saru b’vizzju tal-kunsens tas-socjeta’ Paola Development Co. Ltd. l-attur ma ghandux eccezzjoijiet u lanqas huwa direttur ta’ dina s-socjeta’.

Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-azzjoni attrici hija nulla peress huwa legalment inkoncepibbli illi wiehed jitlob danni kontrattwali minhabba li l-kuntratti kienu vizjati minghajr ma wiehed jitlob formalment li dawn il-kuntratti jigu rexissi – nuqqas li jgib in-nullita’ tac-citazzjoni.

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti peress li l-allegat vizzju tal-kunsens sar fit-8 ta’ Dicembru 1981 u l-istess attur irrinunzja ghall-kwalunkwe pretensjoni tieghu fir-rigward bil-kuntratt tat-transazzjoni pubblikat minn Nutar Victor John Bisazza tat-3 ta’ Dicembru 1985.

Illi fil-meritu, minghajr pregudizzju tal-premess il-kuntratt tat-8 ta’ Dicembru 1981 u l-iskrittura li iggib l-istess data saru skond il-ligi u huma perfettament validi.

Illi l-azzjoni attrici hija preskritta skond l-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili.

Rat il-kontro talba tal-konvenut Joseph Pace nomine fejn ippremetta u talab hekk:

Illi l-eccipjent nomine irid jinqeda bic-citazzjoni li ghamel l-attur nomine biex jaghmel kontro-talba, fis-sens illi, premessi d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni; peress li l-attur Joseph Borg f'ismhu propju u ghan-nom tas-socjeta' "Marks and Charles Limited" b'rikors minnhu prezentat quddiem il-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet "Joseph Borg pro et noe –vs– Joseph Pace noe" wara li ippremetta illi huwa personalment kif ukoll ghan-nom tas-socjeta' "Marks and Charles Limited" kien azzjonist tas-socjeta' "Paola Development Co. Ltd.", u wara li ippremetta illi Piju Camilleri kien ghedded lilhu u d-diretturi tal-imsemmija socjeta' "Paola Development Co. Ltd." li jekk ma jitrasferhulux porzjonijiet tal-artijiet "Ta' Zilfa" "Ta' Beligna" u "Ta' Xemxu l-Qamar" fil-limiti tal-Fgura, minghajr ebda kumpens huwa (Piju Camilleri) kien jara li dawn l-artijiet ma jigux zviluppati; illi ippremetta wkoll illi saru diversi theddid fuq il-hajja u propjeta' tieghu u bhala konsegwenza kellhu jiffirma l-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981, fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon fejn "Paola Development Co. Ltd." ittrasferiet b'vizzju ta' kunsens u bi vjolenza dawn il-propjetajiet lis-socjeta' "Terry Ltd."; Illi fuq dawn l-allegazzjonijiet l-istess Joseph Borg proprio et nomine talab u ottjena fl-20 ta' April 1989 il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 6/89 fl-ismijiet "Joseph Borg pro et noe –vs– Joseph Pace noe" fejn l-esponent gie inibit milli ibiegh, jassenja jew b'xi mod jittrasferixxi l-propjetajiet mill-artijiet "Ta' Zilfa" u "Ta' Beligna" lill-terzi; illi l-attur bhala rizultat tal-hrug ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni ipproceda bic-citazzjoni odjerna; peress li dan il-Mandat ma ghandhux aktar effett legali billi l-attur ma ghamilx il-kawza skond il-pretensjonijiet u fit-termini tal-imsemmi mandat u inoltre l-istess Mandat inhareg b'qerq billi l-istess attur jaf, kif iddikjara huwa stess, illi la huwa azjonist u lanqas direttur tas-socjeta' "Paola Development Co. Ltd.", li kienet wahda mill-partijiet kontraenti tat-8 ta' Dicembru 1981 li allegatament huwa vizzjat; illi inoltre bhala rizultat tal-hrug tal-Mandat imsemmi l-esponent

sofra u jistgha jkompli jsofri danni kbar li ghalihom huwa responsabbli l-attur;

Jghid ghalhekk l-istess attur Joseph Borg proprio et nomine ghaliex dina l-Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi m’ghandhiex:

1. tirrevoka l-imsemmi Mandat ta’ Inibizzjoni Nru. 6/89 fl-ismijiet “Joseph Borg pro et noe –vs– Joseph Pace noe” mahrug mill-Qorti tal-Kummerc fl-20 ta’ April 1989 li inhareg b’qerq u ma giex segwit b’citazzjoni skond it-termini tal-istess mandat.

2. tiddikjara lill-istess Joseph Borg proprio et nomine responsabbli ghad-danni sofferti mill-esponent Joseph Pace nomine minhabba l-hrug tal-imsemmi Mandat ta’ Inibizzjoni.

Bl-ispejjez inkluzi il-Mandat ta’ Sekwestru u Impediment tal-Partenza ta’ llum u b’riserva ghal-likwidazzjoni tad-danni f’gudizzju separat.

Il-konvenut Joseph Borg pro et noe huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat li biha eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kif jirrizulta mill-atti processwali l-mandat ta’ inibizzjoni 6/89 fl-ismijiet “Joseph Borg pro et noe vs Joseph Pace noe et” bl-ebda mod ma hareg b’qerq.

2. Illi l-mandat ta’ inibizzjoni 6/89 gie appuntat ghas-smigh; instemghet ix-xhieda kollha opportuna sia tal-attur kif ukoll tal-konvenut liema xhieda gew ukoll kontro-ezaminati w saret it-trattazzjoni orali.

3. Illi c-citazzjoni li segwit il-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni saret ai termini tal-istess mandat stante illi huwa qatt ma ppremetta li ghadu direttur u azzjonist tas-socjeta’ Paola Developments Co. Ltd., kif ukoll skond ittra

ufficjali tas-26 ta' April 1988 l-attur mill-bidu talab rizarciment ta' danni; kif ukoll ghaliex l-attur kif jirrizulta mill-atti processwali ghamel il-kawza skond il-pretensjonijiet u fit-termini tal-istess mandat.

4. Illi huwa l-konvenut Joseph Pace li hu responsabbli ghad-danni w mhux l-attur Borg stante illi huwa ma kkawza ebda danni lill-konvenut Pace imma ezercita whud mid-drittijiet li hu ghandu in konfront tal-konvenut skond il-ligi.

5. Salv eccozzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat is-sentenza preliminari moghtija fis-16 ta' Ottubru 1995 li biha gew respinti l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti rigwardanti l-karenza tal-interess guridiku[1];

Rat in-nota ta' ammissjoni prezentata fis-17 ta' Otturbu 2003 mill-konvenut Joseph Pace nomine;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati u d-diversi noti tal-partijiet;

Semghet provi bil-gurament;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg talbiet attrici, ghas-seduta tal-lum;
Ikkunsidrat:

Kwadru tal-fatti
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi fit-8 ta' Dicembru 1981 kien sar kuntratt ta' kompro vendita in atti Nutar Henry Saydon li permezz tieghu l-artijiet maghrufa bhala Ta' Zilfa u Ta' Beligna limiti tal-Fgura gew trasferiti b' titolu ta' emfitewsi perpetwa mis-socjeta' Paola Development Co.Ltd lis-socjeta' Terry Limited.

---

[1] Fol.200 et seq.

Fl-istess data u fl-istess okkazzjoni saret skrittura privata bejn l-istess partijiet, fejn l-imsemmija Paola Developments Co.Ltd iddikjarat li kienet irceviet minghand Terry Limited is-somma ta' Lm7,500 bhala redenzjoni tac-cens.

Fuq dawn l-atti deher ghan-nom ta' Paola Developments l-attur u l-konvenut Victor Balzan. L-attur proprio, u is-socjeta' attrici Marks and Charles Ltd. kellhom bejniethom nofs l-azzjonijiet f' din is-socjeta', filwaqt li nofs l-azzjonijiet l-ohra kienu jappartjenu lil Victor u Emily konjugi Balzan. L-attur kien ukoll Direttur ta' Paola Developments.

Fuq l-istess atti, ghan-nom ta' Terry Limited deher il-konvenut Joseph Pace.

Illi sussegwentement b' kuntratt datat 27 ta' Settembru 1986 in atti Nutar Dottor Victor Bisazza l-attur u s-socejta' tieghu Marks and Charles Ltd. bieghu l-azzjonijiet li kellhom fis-socjeta' Paola Developments lil Chevron Ltd. rapprezentata minn Norman Buckle u dana bil-prezz ta' Lm1,500.

Illi fl-20 ta' April 1989 l-attur proprio et nomine talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut Joseph Pace nomine, li permezz tieghu s-socjeta' Terry Limited giet inibita milli titrasferixxi, tbigh jew b' xi mod iehor tassenja lil terzi l-artijiet fuq indikati.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Jidher li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti premessi; u l-pretensjoni tal-attur hija diretta ghall-fatt minnu allegat li huwa kien gie mgieghel jiffirma l-kuntratti u l-iskrittura fuq indikati that "theddid, qerq, vjolenza u kawza illecita" u li ghalhekk dawn l-atti huma affetti bl kunsens vizzjat.

Fid-depozizzjoni tieghu l-attur Joseph Borg spjega li meta sar il-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981 huwa kien deher fuq dan il-kuntratt kontra l-volonta' tieghu u ghax kien mhedded minn certu Piju Camilleri. Inizjalment l-artijiet de quo kienu ser jigu trasferiti lil dan Piju Camilleri izda fl-

ahhar ftit tal-hin qabel il-kuntratt dahlet floku s-socjeta' konvenuta Terry Limited rapprezentata minn Joseph Pace. Skond l-attur it-theddid ta' Piju Camilleri kien fis-sens li jekk huwa, ghan-nom ta' Paola Developments ma jaghtix il-kunsens tieghu ghat-trasferiment ta' l-artijiet, kienet ser titqieghedlu bomba mad-dar tieghu. Spejga wkoll li dan it-theddid da parti ta' Camilleri dam ghaddej sas-sena 1986 sakemm sar it-tieni kuntratt li permezz tieghu l-attur proprio et nomine ttrasferixxa l-azzjonijiet tieghu fis-socjeta' Paola Developments lil Chevron Ltd.

Joseph Borg qal wkoll li mhux minnu dak dikjarat fl-iskrittura tar-redenzjoni tac-cens li s-socjeta' Paola Developments kienet irceviet is-somma ta' Lm7,500 minghand Terry Ltd. kif indikat fl-iskrittura.

Rigward il-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu, l-attur jispjega li meta fis-27 ta' Settembru 1986 huwa kien gie mgieghel jitrasferixxi lil Chevron Ltd. l-azzjonijiet li kellu fis-socjeta' Paola Developments huwa kien gie kostrett li jaghmel hekk b' korrispettiv baxx, stante li f' dak iz-zmien kienet diga' zvestita mill-proprjeta' tal-artijiet fuq imsemmija li huma ta' valur sostanzjali. Fi kliemu: "Id-danni jikkonsistu fil-fatt illi kieku Paola Developments kienet ghadha proprjetarja tat-23 plot li kontra r-rieda tieghu ttrasferejt lil terzi [Terry Limited], il-valur ta' dawn l-azzjonijiet kien jkun ferm akbar mill-prezz ta' Lm1,500…. Dawn il-plots jiswew Lm450,000."[2] Qal ukoll: "Sofrejt danni wkoll reali, billi l-istat mentali tieghu ma hallinix inkompli fix-xoghol tieghi. Fil-fatt wara dan it-trasferiment tal-1981, jiena qatt ma zviluppajt aktar, kif kont naghmel mill-1964 sal-1981. Illum jien ma nahdimx".[3]

Illi fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti moghtija minnu fil-21 ta' Mejju 2002[4] Joseph Pace ddipartixxa mill-linja kontenzjuza mehuda minnu fil-eccezzjonijiet tieghu, u kkonferma l-versjoni tal-attur li huwa kien giet sfurzat u mhedded biex jiffirma l-atti maghmula fit-8 ta' Dicembru 1981. Pace qal ukoll li l-ewwel darba li huwa kien iltaqa'

[2] Dep.19 Frar 1996 – Fol.229
[3] Ibid.
[4] Fol.290 et seq.

mal-attur kien f' din l-okkazzjoni li fiha saru dawn l-atti, li fiha huwa kien prezenti ghan-nom ta' Terry Limited. Fil-fatt dawn l-kuntratt u l-iskrittura saru fid-dar tal-konvenut. Pace kkonferma li Joseph Borg ma riedx jaghmel il-kuntratt izda, wara hafna ghajjat u storbju il-kuntratt sar – konvenju ma sarx. Il-konvenut qal li l-attur kien imwerwer u li Camilleri kien heddu.

Il-konvenut kkonferma wkoll li ma kienx minnu dak li kien jidher fuq l-iskrittura u cioe' li Terry Limited tat is-somma ta' Lm7,500 lil Paola Developments.

Illi fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2003, il-konvenut Joseph Pace ghan-nom tas-socjeta' Terry Limited pprezenta "nota ta' ammissjoni ghat-talbiet attrici" fejn dana ammetta l-fatti allegati mill-atturi u li saru ghad-dannu tieghu proprio et nomine u a beneficju ta' Terry Limited. Huwa accetta wkoll li d-danni sofferti mill-attur Joseph Borg jammontaw ghas-somma ta' Lm460,000.

Kkunsidrat ulterjorment;

Din il-Qorti wara li ezaminat l-inkartament u l-provi migjuba hi tal-fehma li l-ammissjoni da parti tal-konvenut Joseph Pace, li fiha nnifisa hi prova kardinali, <u>hija wkoll sostnuta mill-fatti</u>. Il-konvenut Pace kien prezenta affidavit u kien xehed ukoll viva voce quddiem din il-Qorti [diversament presjeduta] u f' dan ir-rigward kien konsistenti f' dak li xehed. Ix-xhieda tieghu tikkonferma l-versjoni attrici u cioe' li l-kunsens moghti mill-attur, dak iz-zmien ghan-nom ta' Paola Developments, ghall-iffirmar tal-kuntratti u skrittura precitati kien vizzjat principalment minhabba li kien affett minn <u>theddid serju u reali</u>. Kien 'kunsens' karpit bi vjolenza u bil-biza, u dan fih in-nifsu jikkostitwixxi delitt li mill-aspett civili. B' dan il-komportament illegali u abbusiv ezercitat fuq l-attur Joseph Borg, is-socjeta' Terry Limited akkwistat b' mod <u>frawdolenti</u> awment sostanzjali fil-patrimonju taghha, ghad-dannu ta' Paola Developments Limited li f' dak iz-zmien l-attur pro et noe kien Direttur u kien proprjetarju ta' nofs l-azzjonijiet.

Il-Qorti tosserva li huwa dan il-komportament illegali u anke delittwuz ezercitat fuq l-attur li jifforma l-bazi tal-azzjoni odjerna, u huwa dan l-agir li kkaguna d-danni pretizi mill-attur, konsistenti filli l-attur, permezz ta' theddid, gie imgieghel jidhol f' kuntratti u skrittura li rrizultaw dannuzi ghalih u ghas-socjeta' attrici, u senjatament il-kuntratt fejn parti sostanzjali tal-proprjeta' Paola Developments giet trasferita fuq Terry Limited.

Huwa oppotun f' dan l-istadju li jigi rilevat li fit-3 ta' Mejju 1989, id-data tal-prezentata tac-citazzjoni, odjerna l-attur ma kellux konnessjoni aktar mas-socjeta' Paola Developments Ltd. stante t-trasferiment tal-azzjonijiet tieghu u tas-socjeta' attrici lil Chevron Ltd. fis-27 ta' Settembru 1986. Ghalhekk l-attur ma setghax jintavola kawza ghar-rexissjoni tal-Atti li saru fit-8 ta' Dicembru 1981 bejn Paola Developments Ltd. u Terry Ltd. minhabba karenza ta' interess guridiku. Konsegwentement intavola azzjoni ghad-danni bazata fuq azzjonijiet delittwuzi maghmula fil-konfront tieghu u tas-socjeta' minnu rapprezentata.

Illi l-azzjoni odjerna tinkwadra ruhha fl-istitut fuq id-delitti u kwazi delitti fil-Kodici Civili li fl-Artikolu 1031 jipprovdi li "Kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" u fl-Artikolu 1033 tiddisponi li "Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b' nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba b' hekk". Inoltre, skond l-Att dwar l-Interpretazzjoni fl-Artikolu 4[d] f' kull Att – allura inkluz il-Kodici Civili – sakemm ma jkunx jidher hsieb kuntrarju "l-espressjoni 'persuna' tinkludi ghaqda jew korp iehor ta' persuni sew jekk dik l-ghaqda jew dak il-korp ikun persuna guridika sew jekk le."

Mill-premess jirrizulta car li f' materja ta' delitti u danni l-ligi ma tiddistingwix bejn persuna, naturali jew legali, u ghalhekk anke entita' legali jekk tikkommetti atti delittwuzi, bhal dawk in dizamina, u konsegwentement tirreka dannu

lill-terzi, hija tkun passibbli ghad-danni fit-termini tal-Artikoli tal-ligi fuq citati.[5]

Illi premessi l-konsiderazzjonijet fuq esposti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-allegazzjonijiet tal-atturi fil-konfront tas-socjeta' Terry Limited rapprezentata minn Joseph Pace, jirizultaw sodisfaentement provati.

Illi t-trasferiment tal-proprjeta' de quo minn fuq Paola Developments Co.Ltd. ghal fuq Terry Limited kien rizultat u kawza ta' l-azzjonijiet delittwuzi ezercitati fuq l-attur, bil-konsegwenzjali diminuzzjoni fil-patrimonju ta' Paola Developments li taghha l-attur pro et noe kien azzjonista u li ghalhekk sofra dininuzzjoni fil-valur tal-ishma proprjeta' tieghu fl-istess socjeta'. Minn naha taghha Terry Limited kienet partecipi f' din it-transazzjoni illegali u ggwadanjat b' dan il-mod abbusiv awment sostanzjali fil-patrimonju taghha; Ghaldaqstant ghandha taghmel tajjeb ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur, u t-talbiet attrici fil-konfront ta' din is-socjeta' huma gustifikati u ampjament sostnuti mill-fatti.

Illi f' dan l-istadju huwa opportun li ssir referenza ghall-att ta' transazzjoni, in atti Nutar Victor Bisazza, li sar fit-3 ta' Dicembru 1995 bejn l-attur, Victor Balzan u Piu Camilleri f' isimhom propriju u ghan-nom tad-diversi socjetajiet rapprezentati minnhom u indikati fl-istess kuntratt. F' dan ir-rigward il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

F' dan l-att Terry Limited ma kienitx wahda mill-kontraenti, izda wahda mill-hafna vertenzi li giet transatta kienet il-pretensjoni tal-attur <u>fil-konfront ta' Vitor Balzan</u> fuq <u>l-artijiet de quo</u> "Transferred to Pace nomine [Terry Limited] on 8/12/1981. Case to be instituted for <u>damages amounting to Lm69,000</u>".[6] Dan il-fattur jista' jkollu relevanza ghal din il-kawza fil-komputazzjoni tad-danni pretizi mill-attur fil-konfront ta' Terry Limited; izda jigi rilevat li l-artijiet de quo ma kienux parti mill-proprjeta' apporzjonata f' dan l-att.

---

[5] Vide App.Civ. ***Reno Pace et vs Alexander Attard proprio et nomine*** [14.07.1995] u Q.Kum. ***Victor Galea vs Marin J.Hili noe***. [01.10.1996] u kazistika hemm citata.
[6] Dok.A – anness mal-imsemmi Att – Fol.97

Illi fl-iskrittura ta' transazzjoni datata 17 ta' Gunju 1985, annessa mal-istess Att u li tifforma parti integrali mill-istess,[7] gie dikjarat fil-para.7[8] li "Il-komparenti Joseph Borg u Pio Camilleri in vista ta' dan il-ftehim jiddikjara li qeghdin jirtiraw kull allegazzjoni ta' kwalsiasi natura li huma setghu ghamlu fil-konfront ta' xulxin fi kwalunkwe zmien u fi kwalunkwe procedrua" u fil-para.8 l-istess Joseph Borg, l-attur, iddikjara li wara il-ftehim ma jkollu ebda pretensjoni jew dritt kontra Pio Camilleri fuq proprjeta' appartenenti li dan. Minn dawn il-klawsoli jirrizulta car li kemm l-attur kif ukoll Pio Camilleri ttransigew l-pendenzi kollha li kien hemm bejniethom sat-12 ta' Dicembru 1985.

Inoltre huwa relevanti wkoll dak li x-xhed l-attur fid-deposizzjoni tieghu tal-14 ta' Marzu 1989 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni [6/89], li din it-transazzjoni ma saritx that minacci la ta' Piju Camilleri u lanqas ta' Victor Balzan, u ghalhekk saret minnu volontarjament.[9]

Illi tenut kont tal-premess il-Qorti tikkonsidera ferm improbabbli l-asserzjoni tal-attur li meta huwa trasferixxa l-azzjonijiet li kellu fis-socjeta' Paola Developments Co.Ltd lil Chevron Limited fis-27 ta' Settembru 1986 – u cioe' disa xhur biss wara li l-Att ta' transazzjoni fuq indikat – huwa kien qed jaghmel dan that theddid. Il-Qorti hi tal-fehma li fuq bazi ta' probabbilita' dan il-bejgh tal-ismha da parti tal-attur kien wiehed volontarju.

Illi dan pero' ma jdghajjifx il-kaz tal-attur, stante li d-danni li huwa sofra ma kienux rizultat tal-bejgh tal-ismha, izda d-diminuzzjoni sostanzjali ta' dawk l-ismha rizultat u konsegwenza diretta ta' l-atti delittwuzi kommessi fuqu u li kellhom il-konsegwenza li jgieghluh jiffirma l-kuntratt tat-8 Dicembru 1981 kontra l-volonta' tieghu. Fi kliem iehor, it-trasferiment tal-ismha li sar fis-sena 1986 fis-socjeta' Paola Developments, bil-patrimonju diminwit, huwa rrilevanti, stante li l-attur sofra d-danni mat-trasferiment tal-proprjeta' fil-kuntrat maghmul fis-sena 1981.

[7] Dok.G – Fol.101. Vide Fols.89-90
[8] Fol.103
[9] Kawza 673/89 Dok.YY

Illi in fine dwar l-allegazzjonijiet da parti ta’ Joseph Pace fis-sens li anke dan kien mhedded, il-Qorti tirrileva li ghandha r-riservi taghha dwar il-veracita’ ta’ din l-allegazzjoni riferibbilment ghaz--zmien li fih sar it-trasferiment fuq tal-artijiet de quo ghal fuq Terry Limited; ghalkemm mhux eskluz li sar theddid sussegwentement meta l-artijet kienu jifformaw parti mill-patrimonju tal-kumpanija ta’ l-istess Joseph Pace.

Illi fil-konfront ta’ Paola Development Co.Ltd. il-Qorti ma tirriskontra ebda nuqqas li jwassal ghar-responsabbilita’ civili fil-konfront tal-attur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-ewwel u it-tieni talba attrici billi, tilqa’ dawn it-talbiet fis-sens li:

Tiddikjara li l-attur proprio et nomine kien gie sfurzat u kostrett bl-uzu ta’ vjolenza li jaghti l-kunsens tieghu ghat-trasferiment tal-artijiet indikati fic-citazzjoni ghal fuq Terry Limited, u li sar b’ kuntratt datat 8 ta’ Dicembru 1981 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, kif ukoll ghall-iskrittura privata maghmula fl-istess data rigwardanti redenzjoni ta’ cens; u li

Rizultat ta’ dan, l-attur proprio et nomine sofra danni kif fuq indikat, ghal-liema danni ghandha tirrisponi s-socjeta’ Terry limited; u

Tichad dawn it-talbiet fil-konfront tas-socjeta’ Paola Developments Co. Ltd.

L-ispejjez ta’ dan il-gudizzju ghandhom jigu sopportati mis-socejta’ konvenuta Terry Limited, hlief dawk tal-konvenuta Paola Developments Ltd. li ghandhom jibqghu a kariku tal-attur pro et noe.

Tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza fuq il-kumplament tat-talbiet attrici, kif ukoll fuq il-kontro talba tas-socjeta’ Terry Limited.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------